# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 329/13JRM**

L-Avukat Joseph A. **SCHEMBRI** u l-Avukat Lennart Depasquale bħala mandatarji speċjali tal-assenti Andreas Gordon O'Shea; u b'degriet tal-11 ta' Ġunju, 2013, l-attur Andreas Gordon O'Shea assuma l-atti tal-kawża

vs

**IL-MINISTRU TAL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI** u s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2014, il-Kamra tal-Avukati daħlet fil-kawża *in statu et terminis*; u b'digriet tas-26 ta' April, 2016, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' April, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi *nomine* talbu li din l-Qorti: (i) issib li kull restrizzjoni li saret fuq iċ-ċertifikat lilu maħruġ biex ikun jista' jaħdem bħala avukat f'Malta, u b'mod partikolari l-kundizzjoni "*u dan mingħajr il-fakultà tal-prattika quddiem xi Qorti, Tribunal jew Awtorità Ġudizzjarja*" kif magħmula u redatta b'mod assolut tikkostitwixxi att bi ksur tal-Liġijiet applikabbli u tal-jeddijiet tiegħu; u (ii) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissalhom, joħorġulu Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titolu ta' Pajjiż ta' Oriġini bla ebda restrizzjoni u skont il-liġijiet u d-Direttivi fis-seħħ u li jgħoddu għall-każ. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ kull jedd tal-attur *proprio* għal azzjonijiet oħrajn spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' April, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-2 ta' Mejju, 2013, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-azzjoni hija waħda vaga li ma tfissirx x'inhu l-jedd li jsejjisha; (ii) li l-imħarrek Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni, għall-għanijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-imsemmi Kodiċi, ma tistax tirnexxi għall-għanijiet tal-artikolu 469A(4) ladarba lill-attur huwa mogħti mil-liġi rimedju quddiem tribunal ieħor, f'dan il-każ, appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki kif irid l-Avviż Legali 273 tal-2002[1]; li (iv) għalhekk l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha għaliex s'issa l-attur ma ressaq l-ebda appell bħal dak; u li (v) r-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet taħt il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi għaliex l-imġiba tagħhom fl-ebda waqt u bl-ebda mod ma kienet waħda *ultra vires* jew abbużiva jew b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, għaliex huma mxew ma' dak li titlob il-liġi. Żiedu jgħidu li r-restrizzjoni li jilmenta dwarha l-attur *proprio* hija biss il-frott ta' interpretazzjoni ħażina tal-frażi mdaħħla fiċ-ċertifikat li ngħatalu, liema frażi timxi ma' dak li jitolbu r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea fir-rigward u t-tifsira li ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet fejn persuna jinħarġilha ċertifikat biex teżerċita l-professjoni legali f'pajjiż imsieħeb li ma kienx dak li fih kienet l-ewwel darba mħollija tipprattika l-professjoni. Jagħlqu billi jgħidu li din m'hijiex kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali,

[1] L.S. 12.17

imma waħda ta’ lment ta’ ksur tal-liġijiet fis-seħħ, u jiċħdu b’qawwa li huma mxew mal-attur *proprio* b’mod diskriminatorju;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-15 ta’ April, 2014[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tielet, ir-raba’, u t-tmien eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ Novembru, 2014[3], li bih laqgħet talba magħmula mill-Kamra tal-Avukati b’rikors tagħha tad-19 ta’ Settembru, 2014, biex titħalla tidħol fil-kawża *in statu et terminis*;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta’ Frar, 2016[4], li bih iddikjarat magħluqa l-istadju tal-provi, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta’ April, 2016[5];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-Ministru mħarrek fit-30 ta’ Settembru, 2016[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intervenuta Kamra tal-Avukati tat-13 ta’ Ottubru, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa *barrister* u talab lill-awtoritajiet kompetenti f’Malta jawtorizzaw li huwa jaħdem bħala avukat f’Malta. Minkejja li ngħata ċertifikat għaldaqshekk, kien hemm kundizzjoni li huwa ma jistax jaħdem quddiem “xi Qorti, Tribunal jew Awtorità Ġudizzjarja”. Huwa jgħid li dik il-kundizzjoni saret bi ksur tal-liġi domestika, tal-liġi komunitarja u bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jġarrabx trattament

[2] Paġġ. 46 sa 56 tal-proċess
[3] Paġ. 66-1 tal-proċess
[4] Paġ. 124 tal-proċess
[5] Paġġ. 132 – 141 tal-proċess
[6] Paġġ. 148 – 157 tal-proċess
[7] Paġġ. 161 – 170 tal-proċess

diskriminatorju fuq il-bażi tal-oriġini tiegħu barranija. Irid li dik il-kundizzjoni titneħħielu u li jinħariġlu ċertifikat sħiħ u bla ebda limitazzjonijiet;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi b'mod preliminari, qalu li (i) l-azzjoni hija waħda vaga li ma tfissirx x'inhu l-jedd li jsejjisha; (ii) li l-imħarrek Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni, għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-imsemmi Kodiċi, ma tistax tirnexxi għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) ladarba lill-attur huwa mogħti mil-liġi rimedju quddiem tribunal ieħor, f'dan il-każ, appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki kif irid l-Avviż Legali 273 tal-2002; li (iv) għalhekk l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha għaliex s'issa l-attur ma ressaq l-ebda appell bħal dak; u li (v) r-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet taħt il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-Qorti jmissha tiċħad it-talbiet attriċi għaliex l-imġiba tagħhom fl-ebda waqt u bl-ebda mod ma kienet waħda *ultra vires* jew abbużiva jew b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, għaliex huma mxew ma' dak li titlob il-liġi. Żiedu jgħidu li r-restrizzjoni li jilmenta dwarha l-attur *proprio* hija biss il-frott ta' interpretazzjoni ħażina tal-frażi mdaħħla fiċ-ċertifikat li ngħatalu, liema frażi timxi ma' dak li jitolbu r-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea fir-rigward u t-tifsira li ngħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każijiet fejn persuna jinħarġilha ċertifikat biex teżerċita l-professjoni legali f'pajjiż imsieħeb li ma kienx dak li fih kienet l-ewwel darba mħollija tipprattika l-professjoni. Jagħlqu billi jgħidu li din m'hijiex kawża ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, imma waħda ta' lment ta' ksur tal-liġijiet fis-seħħ, u jiċħdu b'qawwa li huma mxew mal-attur *proprio* b'mod diskriminatorju;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fil-15 ta' April, 2014, din il-Qorti ċaħdet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari u t-tmien eċċezzjoni fil-mertu mqajmin mill-imħarrkin;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur huwa *barrister* kwalifikat, ammess bħala membru tal-*Bar of England and Wales* u membru ta' *Lincoln's Inn* sa mill-1992[8] u huwa reġistrat bħala "*Public Access practitioner*" [9];

Illi fis-sena 2001 ġab il-kwalifika ta' Dottorat fil-Filosofija[10]. Kiseb ukoll kwalifiki akkademiċi u jgħid li huwa midħla ħafna u speċjalizzat

[8] Dok f'paġ. 69 tal-proċess
[9] Dok f'paġ. 70 tal-proċess
[10] Dok f'paġ. 72 tal-proċess

fid-Dritt Internazzjonali. Matul dawk is-snin kellu wkoll impenji ta' lettur f'xi istituti ta' edukazzjoni terzjarja fl-Affrika t'Isfel. Minbarra dan, deher f'bosta kawżi quddiem tribunali internazzjonali fil-kontinent affrikan;

Illi l-attur jgħid li ilu jgħix f'Malta ma' familtu sa mill-2010[11] u kien jagħti servizzi ta' konsulenza legali ma' ditta ta' avukati f'Malta f'oqsma ta' moviment ħieles ta' persuni, dritt ta' rifuġjati u l-immigrazzjoni[12] u residenza[13];

Illi f'Awwissu tas-sena 2012[14], huwa talab lill-awtoritajiet f'Malta biex ikun jista' jeżerċita f'Malta l-professjoni legali taħt it-titolu tal-pajjiż tal-oriġini ("*barrister*"). B'ittra mibgħuta lilu fl-ilsien ingliż f'isem is-Segretarju Permanenti mħarrek bid-data tat-8 ta' Ottubru, 2012[15], l-attur kien mgħarraf li huwa kien wera li kellu l-kwalifiki biex ikun reġistrat bħala avukat għall-finijiet tad-direttivi komunitarji fis-seħħ u tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dakinhar ukoll, inħariġlu Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bid-data tat-8 ta' Ottubru, 2012[16], taħt il-firma tal-President tar-Repubblika, għall-għanijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki[17] biex ikun jista' jipprattika f'Malta l-professjoni legali taħt it-titolu tal-pajjiż tal-oriġini (jiġifieri bħala "*barrister*") "u dan mingħajr il-fakultà tal-prattika quddiem xi Qorti, Tribunal jew Awtorità Ġudizzjarja". L-attur ġabar dak iċ-Ċertifikat fl-aħħar ġimgħa ta' dak ix-xahar wara li ġie lura minn barra. Meta ra li ċ-Ċertifikat kien inħareġ b'limitazzjoni, ma aċċettax li ma jitħalliex jipprattika quddiem xi tribunali jew quddiem il-Qrati, u qies li l-imsemmija kwalifika saret bi ksur tal-liġi u tal-jeddiet tiegħu. Jgħid li hu kien qagħad fuq il-kontenut tal-ittra li ntbagħtitlu fl-ilsien ingliż mis-Segretarju Permanenti mħarrek u liema ittra ma kellha l-ebda limitazzjoni jew kwalifika bħalma ddaħħlet fiċ-Ċertifikat;

Illi l-kawża nfetħet f'April tal-2013;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> jidher xieraq li l-Qorti tibda billi tistħarreġ is-siwi tal-**eċċezzjonijiet preliminari** li dwarhom għadu ma ngħata l-ebda provvediment;

Illi l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-Ministru mħarrek jirrigwardaw aspetti proċedurali li jolqtu l-azzjoni attriċi. L-ewwel waħda hija marbuta mal-inammissibilità tat-talba attriċi billi jgħid li t-talba hija vaga u mhux identifikat id-dritt li fuqu hija bbażata l-azzjoni;

[11] Affidavit tiegħu f'paġ. 59 tal-proċess
[12] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 95 – 6 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 76 tal-proċess
[14] Dok. "MS2" f'paġġ. 108 – 9 tal-proċess
[15] Dok "AO2", f'paġ 6 tal-proċess
[16] Dok. "AO1" f'paġ. 5 tal-proċess
[17] Att XVIII tal-2002 (Kap 451)

Illi l-imħarrkin jisħqu li mill-azzjoni attriċi mkien ma jirriżulta taħt liema sub-artikolu tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jaqa' n-nuqqas li qiegħed jiġi attribwit lill-imħarrkin mill-attur. Il-Kamra intervenuta fil-kawża tgħid li dan il-fatt ipoġġiha fi preġudizzju kbir u rrimedjabbli biex tkun f'qagħda tajba li tirrispondi għat-talba attriċi;

Illi għal din l-eċċezzjoni, l-attur jilqa' billi jispeċifika li dak li qed jitlob lill-Qorti – jiġifieri dikjarazzjoni ta' nullità tar-restrizzjoni mposta fuqu fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni u kif ukoll il-ħruġ mill-imħarrkin ta' ċertifikat sħiħ bla ebda limitazzjoni – ma jitlob l-ebda kjarifika biex jindirizzaw l-ilment tal-imħarrkin, għaliex dak li jrid jinftiehem bla diffikultà minn qari tal-atti tar-rikors promotur;

Illi, f'dan ir-rigward, jidher li din l-eċċezzjoni tirrigwarda l-ħtieġa li l-oġġett ta' kawża jrid jitressaq "b'mod ċar u sewwa .. .. sabiex isaħħaħ it-talba"[18]. Għandu jingħad illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti l-opportunità lill-imħarrek jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[19]. L-azzjoni tiddependi mill-mod kif inhi mfassla;

Illi dwar x'jikkostitwixxi tifsir ċar u sewwa fil-każ ta' att li bih tinfetaħ kawża, il-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li att bħal dak għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet;

Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullità ta' rikors maħluf minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta. Biż-żmien issawret it-tejorija, magħrufa bħala tal-ekwipollenti, li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-propożizzjoni tal-azzjoni[20];

Illi, għalhekk, att li bih tinfetaħ kawża m'għandux jitwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi[21]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalità tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, dak l-att għandu jitwaqqa' għax ikun sar bi ksur tal-liġi[22]. Għaldaqstant biex att

[18] Art. 156(1)(a) tal-Kap 12

[19] Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

[20] P.A. **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat noe vs Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[21] App. Ċiv: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Merola pro et vs Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**)

[22] App. Ċiv. **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

promotur ta' kawża jgħaddi mill-prova tal-validità, huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[23], u li tali tifsila, kif ingħad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[24];

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jinstiltu mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri[25]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[26]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tkun salvata, imbasta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[27];

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-ilment tal-imħarrkin ma jidhirx li huwa mistħoqq. Fil-proċeduri bikrin ta' din il-kawża, l-attur jiddefendi l-azzjoni billi jgħid li ma taqax taħt il-parametri tal-artikolu 469A[28]. Fis-sentenza preliminari tagħha, din il-Qorti ma qagħditx fuq dik il-fehma tal-attur, għaliex tqis li l-azzjoni mnedija mill-attur hija, fis-sewwa, waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. F'dan ir-rigward ukoll, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq imressqa minnu, l-attur jaċċetta li l-azzjoni mressqa minnu hija dik maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi jidher li l-eċċipjenti ressqu din l-eċċezzjoni mhux daqstant għaliex l-azzjoni attriċi hija waħda konfuża – li, fil-fatt, m'hijiex – iżda għaliex l-attur ma semmiex taħt liema waħda (jew aktar) mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b) tal-imsemmi Kodiċi qiegħed isejjes l-ilment tiegħu;

Illi, min-naħa tagħha, il-Kamra intervenuta tgħid li t-talba tal-attur marbuta mar-restrizzjoni minnu msemmija "hija waħda vaga u mhux imsejsa fuq loġika legali tajba, tant li tul il-kors tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent biddel u għawweġ il-verżjoni tat-talba f'tentattiv ċar sabiex it-talba tiegħu ssir waħda aktar legalment tenibbli"[29], b'mod li "l-intimati u l-esponenti intervenuta fil-kawża għadhom sprovvisti minn indikazzjoni ċara u inekwivoka tal-bażi legali tat-talbiet li qegħdin jirrispondu għalihom, liema fatt poġġa lill-intimati u l-esponenti intervenuta fi preġudizzju sostanzjali u rrimedjabbli sabiex jirrispondu għat-talba kif vagament imposta"[30];

---

[23] P.A. **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**)
[24] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi vs Żammit noe et*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.243**)
[25] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[26] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Bezzina vs Anthony Galea*** (mhix pubblikata)
[27] P.A. **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)
[28] Ara Nota Responsiva tal-Attur f'paġ. 37 tal-proċess
[29] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 163 – 4 tal-proċess
[30] *Ibid*

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm l-azzjoni attriċi setgħet u messha kienet imfassla aħjar, dan in-nuqqas mhux tali li jippreġudika b'mod serju lill-parti mħarrka milli tiddefendi ruħha. Lil hinn mis-siwi tat-talbiet li saru, kemm mill-premessi u kif ukoll mit-talbiet, joħroġ ċar li l-attur *proprio* ma jaċċettax li l-permess li nħariġlu kellu jkun b'xi mod suġġett għal xi restrizzjoni u kif ukoll li jrid li min għamel tali restrizzjoni jerġa' jikkunsidraha, bit-tħaddim xieraq tal-liġi, u jneħħiha billi joħroġlu ċertifikat ġdid mingħajr dik il-kundizzjoni;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali li saru aktar qabel u mill-fatt li ħareġ ċar (b'mod partikolari waqt is-smigħ tax-xhieda quddiem din il-Qorti) li l-fehma tal-attur *proprio* hija waħda riflessa fl-att promotur li bih fetaħ din il-kawża, u li l-imħarrkin kienu f'qagħda tajba li jilqgħu għall-pretensjonijiet tiegħu minkejja l-mod kif tfassal dak l-att. Il-Qorti ma tarax x'inhu l-"preġudizzju sostanzjali" li qiegħda ssemmi l-Kamra intervenuta, tant li s-sottomissjonijiet imressqin minnha juru li fehmet sewwa x'irid l-attur *proprio* u x'ikunu r-riperkussjonijiet fuq il-professjoni legali f'Malta li kieku t-talbiet tiegħu kellhom jintlaqgħu;

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhix se tintlaqa';

Illi t-**tieni eċċezzjoni preliminari** titratta n-nuqqas ta' *locus standi* tal-Ministru mħarrek. Mill-atti[31] jirriżulta li l-Ministru mħarrek m'għadux jinsisti fuq din it-tieni eċċezzjoni fid-dawl tad-digriet tagħha tas-26 ta' April, 2016[32], u għaldaqstant il-Qorti mhix sejra tqisha aktar u lanqas għandha għalfejn tikkummenta dwar is-sottomissjonijiet li saru dwarha mill-Kamra intervenuta[33], minkejja l-imsemmi digriet;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis it-**talbiet tal-attur fil-mertu** u l-eċċezzjonijiet fil-mertu mqajma dwarhom. Kif issemma aktar qabel, fl-ewwel talba tiegħu, l-attur *proprio* jrid li ċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titolu tal-Pajjiż tal-Oriġini (minn issa 'l hemm imsejjaħ "iċ-Ċertifikat") tiegħu biex jaħdem bħala "*barrister*" f'Malta, ma jkunx suġġett għall-ebda limitazzjoni dwar il-jedd tiegħu li jidher u jitratta kawżi ta' klijenti tiegħu quddiem il-Qrati u t-Tribunali f'Malta. Għalhekk, irid li l-Qorti ssib li l-mod kif inħariġlu l-imsemmi Ċertifikat sar bi ksur tal-liġi kemm lokali u kif ukoll dik komunitarja. Jisħaq li dan sar b'nuqqas ta' tħaris tal-liġi minn min ħa d-deċiżjoni[34], u jrid li din il-Qorti tħassar dik id-deċiżjoni. It-tieni talba hija maħsuba li ssegwi t-talba ta' qabilha;

[31] Ara Nota tas-Sottomissjonijiet tal-Ministru mħarrek f'paġ. 149 tal-proċess
[32] Ara paġ. 128A tal-proċess
[33] Paġġ. 164 – 6 tal-proċess
[34] Art. 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12

Illi dwar l-**ewwel talba**, l-attur jgħid li l-kundizzjoni mniżżla fiċ-Ċertifikat tikkostitwixxi għemil bi ksur tal-liġijiet li jgħoddu għall-każ u huma l-frott ta' tħaddim żbaljat tal-liġi li tirrigwarda ħwejjeġ marbuta mal-għoti tal-permessi biex persuna barranija tkun tista' teżerċita l-professjoni legali f'Malta;

Illi għandu jingħad mill-ewwel li, minkejja l-impressjoni li tista' tingħata mill-attur *proprio*, kien hemm Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni wieħed biss li nħareġ u huwa dwar dak iċ-ċertifikat li l-azzjoni kollha tirreferi. Meta l-attur *proprio* jsemmi l-ittra fl-ilsien ingliż li nħarġitlu fl-istess data taċ-Ċertifikat, daqslikieku kienet il-verżjoni ingliża taċ-Ċertifikat, ikun qiegħed jgħid ħażin. Dan qiegħed jingħad għaliex biex dokument bħal dak ikollu s-saħħa ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, irid iġorr il-firma tal-President tar-Repubblika. L-ittra bl-ingliż iġġib il-firma ta' xiħadd li kien qiegħed jidher għas-Segretarju Permanenti mħarrek u għalhekk wieħed lanqas jista' jgħid li hija mqar traduzzjoni taċ-Ċertifikat;

Illi l-attur isejjes l-ilment tiegħu dwar il-limitazzjoni magħmula fiċ-Ċertifikat fuq dak li jiddisponu d-Direttiva 98/5KE u l-leġislazzjoni sussidjarja li biha d-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva ddaħħlu fil-liġi Maltija[35]. Huwa ċar li l-għanijiet tad-Direttiva[36] tirregola l-mod kif avukati jipprattikaw f'pajjiż Imsieħeb fl-Unjoni taħt it-titolu professjonali li jintuża f'pajjiżhom (l-hekk imsejjaħ "*home-country professional title*") u mhux biex tirregola l-mod kif professjonisti (magħduda magħhom avukati) jkunu jixtiequ jipprattikaw il-professjoni taħt it-titolu professjonali tal-pajjiż Imsieħeb li jkunu marru jgħixu fih (l-hekk imsejjaħ "*host-country professional title*"). Dawn tal-aħħar jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' Direttiva oħra[37] u leġislazzjoni sussidjarja oħra[38];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur *proprio* ma kellu qatt il-fehma li jaħdem bit-titolu ta' "*avukat*" f'Malta, imma bħala "*barrister*". Minkejja dan, jippretendi li, bħala "*barrister*", ma għandha ssirlu l-ebda limitazzjoni dwar it-twettiq tal-professjoni, b'mod partikolari li huwa jidher għal u jittratta kawżi quddiem il-qrati jew tribunali f'Malta. Iqis li l-limitazzjoni li saritlu f'dak is-sens fuq iċ-Ċertifikat li nħariġlu, kienet kundizzjoni li tikser dak li tgħid il-liġi;

Illi biex isaħħaħ din il-fehma, huwa jagħmel eżerċizzju ta' tqabbil bejn id-Direttiva tal-1998 u r-Regolamenti ta' leġislazzjoni sussidjarja li bis-saħħa tagħhom id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ddaħħlu ("*transposed*") bħala l-liġi ta' Malta. F'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tinnota li l-attur jgħid li d-

[35] Ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki tal-Professjoni Legali (A.L. 273/02. L.S. 12.07)
[36] Direttiva 5 tal-1998 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Ġ.U. L77/36 (14.3.1998) f'paġġ. 83 – 90 (Celex 31998L0005)
[37] Direttiva 36 tal-2005 tal-Kummissjoni (Dir. 2005/36) (Ġ.U. 30.9.2005 f'paġġ. 22 – 142) kif emendata bid-Dir. 2006/100KE (Celex 32005L0036)
[38] Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali (A.L. 422/07, L.S. 451.03)

Direttiva msemmija "ġiet trasposta korrettement"[39]. Minn dak it-tqabbil, l-attur jislet l-argument li la d-Direttiva tal-1998 u lanqas ir-Regolamenti tal-2007 tal-liġi Maltija ma jiġġustifikaw il-limitazzjoni li ddaħħlet fiċ-Ċertifikat maħruġ lilu. Għalhekk, jgħid, l-awtoritajiet imħarrkin imxew lil hinn minn dak li titlob il-liġi u bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità u saret b'mod diskriminatorju fuq il-bażi ta' oriġini u nazzjonalità. Jaċċetta li l-kundizzjoni waħdanija li tista' ssir hi li, f'xogħol professjonali quddiem qorti jew tribunal f'Malta, persuna bħalu tkun trid tidher flimkien ma' avukat li għandu l-"*warrant*" biex jipprattika l-professjoni legali fil-qrati[40];

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin iwarrbu dawn l-argumenti billi jgħidu li d-Direttiva tal-1998 tippermetti li persuna li tkun tixtieq tipprattika l-professjoni legali taħt it-titolu miksub minnha f'pajjiż imsieħeb tal-oriġini titħalla tagħmel dan meta dik il-persuna tistabilixxi lilha nnifisha b'mod permanenti f'pajjiż imsieħeb ieħor tal-Unjoni Ewropea. Imma dik id-Direttiva tagħmilha ċara li persuna bħal dik trid "f'kull każ tkun konformi mar-regoli ta' proċedura applikabbli fil-qrati nazzjonali"[41]. Imbagħad, huma jgħaddu biex jgħidu li biex persuna tidher u taħdem fil-qrati f'Malta, irid ikollha "*warrant*" li jrid joqgħod ma' dak li jitlob l-artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jisħqu li ċ-Ċertifikat maħruġ lill-attur *proprio* ma jsarrafx f'*warrant* u għalhekk dik il-limitazzjoni li saritlu fiċ-Ċertifikat ma kinitx bi ksur tal-jeddijiet tiegħu jew ta' dak li seta' jippretendi. Huma jgħidu li l-limitazzjoni li saritlu fiċ-Ċertifikat maħruġ ma kienet xejn għajr dak li huwa permissibbli bid-Direttiva tal-1998 u "hija wkoll is-sitwazzjoni li tapplika fl-Istati Membri l-oħra"[42];

Illi l-Kamra intervenuta targumenta li l-awtoritajiet Maltin imxew *in linea* ma' dak li trid il-liġi u mat-tifsira li ngħatat mill-Q.Ġ.U.E. lill-istess liġi. Iżżid tgħid li l-limitazzjoni li ddaħħlet fiċ-Ċertifikat maħruġ lill-attur *proprio* kienet ir-riżultat ta' dak li tgħid il-liġi (id-Direttiva u r-Regolamenti sussidjarji) u kif ukoll it-tifsira li ngħatat lil dik il-liġi mill-qrati komunitarji. Il-Kamra tirrileva li l-attur wera li la huwa midħla tal-ilsien Malti u stqarr ukoll li lanqas jaf sewwa x'inhuma r-regoli tal-proċedura fil-kawżi quddiem il-Qrati;

Illi fil-fehma tal-Qorti għall-għanijiet ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, huwa biżżejjed li jingħad li l-mod kif l-awtoritajiet imxew fil-ħruġ taċ-Ċertifikat ma kienx lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġi. Sa ċertu punt, il-Qorti tifhem u tagħder lill-attur *proprio* għall-fatt li l-ittra li ntbagħtitlu mis-Segretarju Permanenti mħarrek dakinhar li nħariġlu ċ-Ċertifikat, ma kinitx

[39] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 136 tal-proċess
[40] Ara art. 5(3) tad-Dir. 98/5KE u reg. 7(3) tal-L.S. 12.17
[41] Art. 5(1) tad-Dir. 98/5KE
[42] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 156 tal-proċess

traduzzjoni għal kollox korretta ta' dak li ssemma fiċ-Ċertifikat. Imma l-ittra m'hijiex l-att impunjat mill-attur;

Illi, kif ingħad qabel, il-punt ta' kontestazzjoni huwa dwar il-limitazzjoni li ġiet imposta fuq l-attur fiċ-Ċertifikat. Il-Qorti, wara li qieset iż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet, jidhrilha li filwaqt li l-liġi Maltija (partikolarment ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali), jirrifletti b'mod korrett it-traspożizzjoni tal-artikolu 5 tad-Direttiva, min-naħa l-oħra, iċ-Ċertifikat maħruġ lill-attur jista' jagħti 'l wieħed x'jifhem li qed timponilu limitazzjoni assoluta meta, fil-fatt, l-Awtorità kellha teħtieġ dak li joħroġ mir-regolament 7(3) tar-Regolamenti fuq imsemmija, jiġifieri li fir-rappreżentazzjoni jew fid-difiża ta' klijent fi proċedimenti legali, l-applikant jaħdem flimkien ma' professjonist legali li jeżerċita quddiem il-Qrati ta' Malta;

Illi madankollu, dik il-limitazzjoni trid titqies fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tad-Direttiva u tar-Regolamenti. It-tnejn li huma jgħidu espressament li xiħadd li favurih jinħareġ ċertifikat bħal dak "għandu f'kull każ iħares ir-regoli ta'proċedura applikabbli fil-qrati ta' Malta"[43]. Il-Qorti temmen li l-attur imissu jaf li biex persuna tista' tidher u tittratta quddiem il-Qrati ta' Malta jew tribunali statutorji, irid ikollha l-"*warrant*" ta' "*avukat*" biex tista' tagħmel dan. Iċ-Ċertifikat maħruġ u minnu kontestat ma kienx il-"*warrant*" li ssemmi l-liġi[44] u biex l-attur *proprio* seta' jistenna li jitħalla jidher u jittratta quddiem il-qrati jew tribunali, ried ikun tabilfors qagħad għal dak li jitlob l-artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Sa ċertu punt, il-limitazzjoni li saret fiċ-Ċertifikat kienet tgħid l-ovvju;

Illi, filwaqt li l-Qorti ma ssibx li l-imħarrkin ġabu ruħhom lil hinn (*ultra vires*) mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi għaliex, fil-fehma tagħha, ma ntweriex li nkisret xi liġi jew direttiva tal-Unjoni Ewropea, ma jirriżultax li hemm raġunijiet għalfejn għandha ssib li l-kundizzjoni magħmula fiċ-Ċertifikat imissha titħassar jew titqies li ma tiswiex;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba majistħoqqilhiex tintlaqa' għaliex mhix mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni talba attriċi**, il-Qorti tgħid biss li din hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha. Ladarba l-ewwel talba mhix se tintlaqa', allura lanqas din ma jistħoqqilha tintlaqa'. Imma wkoll li kieku l-ewwel talba kienet tajba, din il-Qorti ma setgħetx tilqa' t-tieni talba kif imressqa. Kif ingħad bosta drabi, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti tqis u

43 Reg. 7(1) tal-L.S. 12.17
44 F'dan ir-rigward ara App. Ċiv. **25.10.2023** fil-kawża fl-ismijiet ***Sarah Engerer vs Ministru tal-Ġustizzja et*** §§ 23 – 5

tiddeċiedi fuq is-siwi tal-għemil amministrattiv li jkun, imma, jekk issib li dak l-għemil ma jkunx sar sewwa jew b'mod ieħor ma jiswiex, ma tkunx il-Qorti li tagħti r-rimedju, imma hija tista' biss tħassar dak l-għemil u tibgħat il-każ lura lill-awtorità pubblika li tkun biex terġa' twettaq hi s-setgħat tagħha fid-dawl ta' dak li jkun issemma fis-sentenza li tkun ħassret l-għemil;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** bħala li mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni eċċezzjoni preliminari** billi hija eżawrita;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma jirriżultax li ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titolu tal-Pajjiż ta' Oriġini nħareġ bi ksur tal-liġijiet fis-seħħ u tal-jeddijiet tal-attur;

**Tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-imħarrkin** billi ma jirriżultalhiex li l-imħarrkin mxew lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi fil-ħruġ taċ-ċertifikat lill-attur;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż** tal-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Marzu, 2024**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**